Nru. 18,309
Prezz/Price
€1.86

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2008
Tuesday, 16th September, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 783

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,308 tat-12 ta' Settembru, 2008.

A.L. Nru. 206 tal-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors (Amendment) (No. 2) Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 207 tal-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals Enforcement (E-REACH) Committee Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 208 tal-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); The Community Energy-Efficiency Labelling Programme for Office Equipment (Implementation) Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 209 tal-2008: *Metrology Act (Cap. 454); Making Up by Weight or by Volume of Certain Prepackaged Products (Amendment) Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 210 tal-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Medical Devices Regulations, 2008.*

A.L. Nru. 211 tal-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Active Implantable Medical Devices Regulations, 2008.*

Is-16 ta' Settembru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 783

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,308 of the 12th September, 2008.

L.N. No. 206 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors (Amendment) (No. 2) Regulations, 2008.

L.N. No. 207 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals Enforcement (E-REACH) Committee Regulations, 2008.

L.N. No. 208 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); The Community Energy-Efficiency Labelling Programme for Office Equipment (Implementation) Regulations, 2008.

L.N. No. 209 of 2008: Metrology Act (Cap. 454); Making Up by Weight or by Volume of Certain Prepackaged Products (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 210 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Medical Devices Regulations, 2008.

L.N. No. 211 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Active Implantable Medical Devices Regulations, 2008.

16th September, 2008

Nru. 784

KUMMISSJONI DWAR L-IMPIEGI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilu b'Taqsima 120 tal-Kostituzzjoni, ħatar lil Dott. Francesco Depasquale bħala Membru tal-Kummissjoni dwar l-Impieg għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-12 ta' Settembru 2008.

Il-11 ta' Settembru, 2008
OPM/413/74

No. 784

EMPLOYMENT COMMISSION

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, in exercise of the powers conferred on him by Section 120 of the Constitution, has appointed Dr Francesco Depasquale as Member of the Employment Commission for a period of three years with effect from 12th September 2008.

11th September, 2008

Nru. 785

ATT DWAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL (KAP. 462)

Ħatra ta' Kunsill għat-Tfal

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 12 tal-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap. 462), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali ħatar il-Kunsill għat-Tfal kif ġej:

L-Ispettur Louise Calleja
Dott. Marthese Portelli, LL.D.
Ms Micheline Sciberras, Dip.Y.S., B.Ed(Hons.), M.A. (Durham)
L-Onor. Edwin Vassallo, M.P.
Dott. Richard Zammit, M.D., D.C.H. (Dublin), M.Sc., Cer.Dev.Paed. (Lond), MBA
Is-Sur Rodrick Zammit Randich

Dawn il-ħatriet huma validi sat-18 ta' Jannar 2009.

Is-16 ta' Settembru 2008

No. 785

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT, 2003 (CAP. 462)

Appointment of Council for Children

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Section 12 of the Commissioner for Children Act (Cap. 462), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy has appointed the Council for Children as follows:

Inspector Louise Calleja
Dr Marthese Portelli, LL.D.
Ms Micheline Sciberras, Dip.Y.S., B.Ed(Hons.), M.A.(Durham)
The Hon. Edwin Vassallo, M.P.
Dr Richard Zammit, M.D., D.C.H.(Dublin), M.Sc., Cer. Dev.Paed.(Lond), MBA
Mr Rodrick Zammit Randich

These appointments are valid up to the 18th January 2009.

16th September 2008

Nru. 786

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja: –

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Mario Borg	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	08–10.9.2008

Is-16 ta' Settembru, 2008

No. 786

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

16th September, 2008

Nru. 787

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Albert Mifsud	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	17–18.09.2008

Is-16 ta' Settembru, 2008

No. 787

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Albert Mifsud	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	17–18.09.2008

16th September, 2008

Nru. 788

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	19–20.09.2008

Is-16 ta' Settembru, 2008

No. 788

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	19–20.09.2008

16th September, 2008

Nru. 789

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16. 09. 08	€17.490	€0.271

Is-16 ta' Settembru, 2008

No. 789

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16. 09. 08	€17.490	€0.271

16th September, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 104

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan (Ta' Giorni)

Nhar il-Ħamis, il-25 ta' Settembru 2008 minn nofsinhar sas-Sibt, is-27 ta' Settembru 2008 fil-5.00 a.m. mill-Pjazza ta' bejn Triq Francesco Balbi u William Hardman.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Settembru, 2008

POLICE NOTICE

No. 104

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

St. Julian's (Ta' Giorni)

On Thursday, 25th September 2008 from noon till Saturday, 27th September 2008 at 5.00 a.m. through the Pjazza between Triq Francesco Balbi and William Hardman.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

16th September, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 105

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Nhar il-Ħadd, il-21 ta' Settembru 2008 bejn is-6.00 p.m. u l-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Lourdes, il-Kappella, iċ-Ċiklamini, il-Fuxa, il-Gladjoli, Tal-Mensija u s-Santwarju.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Settembru, 2008

POLICE NOTICE

No. 105

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

San Ġwann

On Sunday, 21st September 2008 between 6.00 p.m. and 10.30 p.m. through the following streets: Misraħ Lourdes, il-Kappella, iċ-Ċiklamini, il-Fuxa, il-Gladjoli, Tal-Mensija and is-Santwarju.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

16th September, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 73 tal-2008

Għawma minn Għawdex għal Malta fil-Baħar Miftuħ
Is-Sibt 20 ta' Settembru 2008

Labbracciata Association ta' Olgiate Comasco, l-Italja, se torganizza għawma minn Għawdex għal Malta nhar is-Sibt, l-20 ta' Settembru 2008.

Dan l-avveniment jibda minn Ħondoq ir-Rummiem, Għawdex fit-8.30 a.m. u jkompli għan-naħa tal-Lvant ta' Kemmuna lejn il-Ponta tal-Aħrax (ħdejn it-Torri l-Abjad), fejn għnadhom jaslu sal-11.30 a.m.

Se jkun hemm 4 (erba') għawwiema jieħdu sehem, li se jkunu akkumpanjati minn 2 (żewġ) bastimenti.

F'każ ta' maltemp l-għawma tiġi posposta mid-data msemmija hawn fuq u ssir it-Tnejn, 22 ta' Settembru 2008.

Il-baħħara huma avżati biex iżommu 'l bogħod mill-inħawi matul il-ħin stipulat u jżommu 'l bogħod mill-għawwiema.

Wieħed jista' jara partijiet miċ-*charts* BA 194, 211, 2537 u 2538 fuq il-*website* tal-Awtorità Marittima ta' Malta fuq l-indirizz:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Is-16 ta' Settembru, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 73 of 2008

Gozo to Malta Open Sea Swim
Saturday, 20 September 2008

The Labbracciata Association of Olgiate Comasco, Italy will be organizing a swim from Gozo to Malta on Saturday, 20th September 2008.

This event will start from Ħondoq ir-Rummiem, Gozo at 8.30 a.m. and will proceed across the East side of Comino towards Il-Ponta tal-Aħrax (near It-Torri l-Abjad), where they should arrive by 11.30 a.m.

There will be 4 (four) swimmers participating, who will be accompanied by 2 (two) vessels.

In case of bad weather the swim will be postponed from the above-mentioned day and be held on Monday, 22nd September 2008.

Mariners are advised to keep clear of the area during the stipulated time and give the swimmers a wide berth.

Parts of BA Charts BA 194, 211, 2537 and 2538 may be viewed at Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

16th September, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emendi ta' Regoli

Ordni Nru. 17

Ngħarrfu b'dan illi regoli numru 02.06, 02.12, 04.02, 04.02d, 06.01, 07.01, 07.02, 07.06c, artikolu ġdid (bejn artikolu 07.08 u 07.09) u 08.02e ta' "Mediacoop Limited" ġew emendati. Dawn l-emendi ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fit-8 ta' Awissu 2008, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 (1) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

It-8 ta' Awissu, 2008
CB 34/79/52

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendments of Rules

Order No. 17

It is hereby notified that rules number 02.06, 02.12, 04.02, 04.02d, 06.01, 07.01, 07.02, 07.06c, new article (between article 07.08 and 07.09) and 08.02e of "Mediacoop Limited" have been amended. The Co-operatives' Board has duly registered them on the 8th August 2008, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Co-operatives Board

8th August, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Addenda ta' Regola

Ordni Nru. 18

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 3 ta' "The Executive Transport Coop Ltd." Din l-addenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fit-8 ta' Awissu, 2008, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

It-8 ta' Awissu, 2008
CB 34/79/93

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Addenda of Rule

Order No. 18

It is hereby notified that an addenda has been added to rule number 3 of "The Executive Transport Coop Ltd." The Co-Operatives' Board has duly registered this addenda on the 8th August, 2008, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Co-operatives Board

8th August, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 19

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem "Kooperattiva Produtturi tat-Tadam ta' Malta Ltd" u r-regoli tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fit-8 ta' Awissu 2008, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (1) ta' l-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-8 ta' Awissu, 2008
CB 34/79/108

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 19

It is hereby notified that the Society under the name "Koperattiva Produtturi tat-Tadam ta' Malta Ltd" and its rules were definitely registered by the Co-Operatives Board on the 8th August 2008, in accordance with the provisions of Section 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

8th August, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Staff Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

B'riferenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet biex jintlew postijiet ta' *Staff Nurse* fuq imsemmija ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Settembru 2008, il-paragrafu 6 (b) ġie emendat kif ġej:-

6 (b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u/jew bil-Lingwa Ingliża.

Is-16 ta' Settembru, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Staff Nurse in the Health Division within the Ministry for Social Policy

With reference to the call for applications issued in the Government Gazette of 2nd September 2008 for the filling of the posts in caption, kindly note that paragraph 6 (b) is to be amended to read as follows:-

6 (b) have the ability to communicate in Maltese and/or English language.

16th September, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-*lecturing staff* li għandhom il-kwalifiki/esperjenza meħtieġa biex jgħallmu fis-setturi li ġejjin:

Design Craft/3D Design (Permess tal-ETC 127/2008)

Applikanti għandu jkollhom l-ewwel *degree* bi speċjalizzazzjoni fil-*Health and Safety(UoM)* jew ekwivalenti u minimu ta' ħames snin esperjenza fil-Health and Safety jiġu wkoll ikkunsidrati.

Jewellery and Design (Permess tal ETC 132/2008)

Applikanti għandu jkollhom Diploma Nazzjonali Ogħla fis-settur jew kwalifika ekwivalenti, flimkien ma' minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Malti (Permess tal-ETC 138/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Ed. (Hons) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti jew l-ewwel *degree* fil-Malti u preferibbilment PGCE.

Malti (f'livell ta' għajnuna fit-tagħlim) (Permess tal-ETC 130/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Ed. (Hons) bi speċjalizzazzjoni fil-Malti. Min ikollu *degrees* oħra li jispeċjalizzaw fil-Malti u li jkollhom ukoll PGCE jiġu wkoll ikkunsidrati.

Marine Engineering (suġġetti relatati ma') (Permess tal-ETC 137/2008)

Applikanti għandu jkollhom Ċertifikat ta' Kompetenza validu ta' *Chief Engineer.*

Motor Vehicle Engineering (Permess tal-ETC 137/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Eng. (Hons) (Mechanical) jew Diploma ta' *Technician* avvanzata. Fiż-żewġ każijiet huwa meħtieġ minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Pipework/Plumbing/Fabrication (Permess ta' l-ETC 153/2008)

Applikanti għandu jkollhom l-ewwel *degree* fl-Inġinerija Mekkanika jew kwalifiki vokazzjonali relevanti (it-tielet livell jew ogħla) flimkien ma' ħames snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Art, Science and Technology invites applications for lecturing staff who are siutably qualified and/or experienced to teach in the following areas:.

Design Craft/3D Design (ETC Permit 127/2008)

Applicants should be in possession of a first degree with a specilisation in Health and Safety(UoM) or equivalent, together with a minimum of five years experience in health and safety will also be considered.

Jewellery and Design (ETC Permit 132/2008)

Applicants should hold a Higher National Diploma in the area or an equivalent qualification, together with a minimum of five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Maltese (ETC Permit 138/2008)

Applicants should be in possession of a B.Ed. (Hons) degree with a specilisation in Maltese or a first degree in Maltese and preferably a PGCE.

Maltese (at learning support level) (ETC Permit 130/2008)

Applicants should be holders of a B.Ed. (Hons) degree with a specilisation in Maltese. Holders of other degrees specialising in Maltese and who are also in possession of a PGCE will also be considered.

Marine Engineering (subjects related to) (ETC Permit 137/2008)

Applicants should hold a valid Chief Engineer's Certificate of Competence.

Motor Vehicle Engineering (ETC Permit 136/2008)

Applicants must hold a B.Eng (Hons) (Mechanical) degree or an advanced Technician Diploma. In both instances a minimum of five years relevant and appropriate industrial/commercial experience is required.

Pipework/Plumbing/Fabrication (ETC Permit 153/2008)

Candidates must have a first degree in Mechanical Engineering or relevant vocational qualifications (level three or above) together with a minimum of five years appropriate industrial/commercial experience.

Welding u Fabrication (Permess tal-ETC 118/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Eng. (Hons) (Mechanical) jew Diploma ta' *Technician* avvanzata. Fiż-żewġ każijiet huwa meħtieġ minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar it-Tnejn, id-29 ta' Settembru, 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fll-Kampus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali tal-MCAST, Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost.

Is-16 ta' Settembru, 2008

Welding and Fabrication (ETC Permit 118/2008)

Applicants must hold a B.Eng (Hons) (Mechanical) degree or an advanced Technician Diploma. In both instances a minimum of five years relevant and appropriate industrial/commercial experience is required

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 29th September, 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

16th September, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija se jwaqqaf dipartikment ġdid li jkollu r-responsabbiltà li jfittex Proġetti tal-UE u oħrajn. Il-membri ewlenin tal-istaff li ġejjin huma mistennija li jmexxu b'mod attiv dan id-dipartiment billi jfittxu kontinwament għal proġetti finanzjati mill-UE u oħrajn, jagħmlu l-preparamenti loġistiċi kollha u jassistu lid-diversi *project leaders* fl-MCAST billi jippreparaw proposti, jidentifikaw ma' min jissieħbu u jimplimentaw proġetti.

EU Projects Compliance Co-ordinator (Permess tal-ETC 168/2008) (MPO/205/2006/15)

Ħtiġiet:
Kandidati prospettivi għandhom:

Jkollhom l-ewwel *degree* fl-*Accountancy* jew *Business Management* u jkollhom minimu ta' tliet snin esperjenza f'pożizzjoni simili jew relatata.

JEW

Ikollhom esperjenza estensiva fil-finanzi u *track record* pruvata għal tal-anqas 10 snin.

Responsabbiltajiet:
Il-kandidat magħżul ikun responsabbli għal:
Twaqqif u tmexxija ta' sistema ta' *quality assurance* biex jiżgura illi l-Proġetti tal-UE jilħqu *standards* u speċifikazzjonijiet regolatorji;
Jipprepara *feasibility reports* u jagħmel verifika finanzjarja u teknika, u

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is setting up a new department with the responsibility to keep a lookout for EU and other Projects. The following key staff members are expected to actively spearhead this department by continuous scanning for EU and other funded projects, making all the logistical preparations and assisting the various project leaders within MCAST with the preparation of proposals, identification of partners and implementation of projects.

EU Projects Compliance Co-ordinator (ETC Permit 168/2008) (MPO/205/2006/15)

Requirements:
Prospective candidates must:

Be in possession of a first degree in Accountancy or Business Management and have a minimum of three years experience in a similar or related position.

OR

Possess extensive financial experience and a proven track record of a minimum of 10 years.

Responsibilities:
The selected candidate will be responsible for:
Setting up and spearheading a quality assurance system to ensure that EU projects meet regulatory standards and specifications;
Preparing feasibility reports and performing financial and technical audits, and

Jagħmel il-preparamenti loġistiċi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-finanzi.

EU Projects Co-ordinator (Permess tal-ETC 169/2008) (MPO/20S/2006/15)

Ħtiġiet:
Kandidati prospettivi għandhom:

Ikollhom l-ewwel *degree* relatata ma' *business* u/jew a management;
Ikollhom tal-anqas ħames snin esperjenza fi *project management* u/jew koordinazzjoni, u
Ikunu familjari ħafna ma' ESF, ERDF u programmi oħra u inizjattivi.

Responsabbiltajiet:
Il-kandidat magħżul ikun responsabbli għal:
Riċerka u identifikazzjoni ta' programmi tal-UE, inizjattivi u sħubijiet potenzjali u jsegwi b'mod attiv l-applikazzjonijiet;
Jikkoordina u jsegwi t-tkomplija b'suċċess ta' proġetti ESF u ERDF u jżomm *records* dettaljati tal-proġetti kollha.

Engineering Services Co-ordinator (Permess ta' l-ETC 170/2008) (MPO/205/2006/14)

Ħtiġiet:
Kandidati prospettivi għandu:

Ikollhom *degree* fl-Inġinerija, u
Ikollhom tal-anqas ħames snin esperjenza fil-qasam ta' l-inġinerija.

Responsabbiltajiet:
Il-kandidat magħżul ikun responsabbli għal:

Jipprovdi għajnuna teknika fl-istadju tal-proposta waqt l-applikazzjoni għall-proġett, u
Jipprepara kontijiet ta' kwantitajiet għal xogħlijiet speċifiċi.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni, flimkien ma' l-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar it-Tnejn, it-22 ta' Settembru, 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fll-Kampus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali tal-MCAST, Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost.

Is-16 ta' Settembru, 2008

Making all logistical preparations related to finance.

EU Projects Co-ordinator (ETC Permit 169/2008) (MPO/205/2006/15)

Requirements:
Prospective candidates must:

Be in possession of a business and/or a management related first degree;
Have a minimum of five years experience in project management and/or coordination, and
Be fully familiar with ESF, ERDF and other programmes and initiatives.

Responsibilities:
The selected candidate will be responsible for:
Researching and identifying of EU programmes, initiatives and potential partnerships and actively following up applications;
Coordinating and monitoring the successful completion of ESF and ERDF projects and maintaining accurate records of all projects.

Engineering Services Co-ordinator (ETC Permit 170/2008) (MPO/205/2006/14)

Requirements:
Prospective candidates must:

Be in possession of an engineering degree, and
Have at least five years practical experience in an engineering field.

Responsibilities:
The successful candidate will be responsible for:

Providing technical support at proposal stage of project application and follow up at project implementation, and
Preparing bills of quantities for specific works.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 22nd September, 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Main Campus, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

16th September, 2008

KUNSILL LOKALI KERĊEM

Il-Kunsill Lokali Kerċem jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta'

Segretarju Eżekuttiv.

Ittri tal-applikazzjoni f'envelop magħluq indirizzat lid-"Deputat Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Kerċem, Pjazza Orvieto, Kerċem KCM 1360, Għawdex", inkluż C.V. iddettaljat (format tal-U.E.) dwar il-kwalifiki u esperjenza għandhom jaslu sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-30 ta' Settembru 2008.

Kundizzjonijiet u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mill-Avviż Legali 127, Regolamenti tal-1998 dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Permess tal-ETC Nru. 61/2008.

Is-16 ta' Settembru, 2008

KERCEM LOCAL COUNCIL

The Kerċem Local Council invites applications for the post of:

Executive Secretary.

Application letters in sealed envelopes addressed "Deputy Executive Secretary, Kercem Local Council, Pjazza Orvieto, Kerċem KCM 1360 Gozo", including a detailed C.V. (European format) about the qualifications and experiences must be reached by noon of Tuesday, 30th September, 2008.

Conditions and any further information are found in Legal Notice 127, Local Councils (Human Resources) Regulations, 1998.

ETC Permit No. 61/2008.

16th September, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 3 2008*

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 3 2008* issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-karta tal-identità tagħhom u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur/tutur, għandhom jintwerew il-Karta tal-Identità tal-ġenitur/tutur u tal-kandidat.

Is-16 ta' Settembru, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry Series 3 2008 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the London Chamber of Commerce and Industry - Series 3 2008 examinations have now been received and can be collected as follows:-

Malta candidates:-
Examinations Department
Floriana

Gozo candidates:-
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their identity card and result slip.

If the certificate is collected by the parent/guardian, the Identity Card of both the parent/guardian and the candidate should be presented.

16th September, 2008

STAMPERIJA TAL-GVERN

Riżultat ta' Test/*Interview* għall-Post ta' *Inspector (Stores)* fl-Istamperija tal-Gvern

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tat-Test/*Interview* għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Istamperija tal-Gvern, A29, Qasam Industrijali, il-Marsa, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Settembru, 2008

GOVERNMENT PRINTING PRESS

Result of Test/Interview for the Post of Inspector (Stores) at the Government Printing Press

The Director, Government Printing Press, notifies that the result of the Test/Interview for the above mentioned post may be viewed on the main notice-board at the Government Printing Press, A29, Industrial Estate, Marsa, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th September, 2008

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U SPORT

Riżultat tal-Intervista għall-Ingaġġ ta' *Part-Time Cleaners* fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tal-Customer Care Unit tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, il-Furjana u fin-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Is-16 ta' Settembru, 2008

MINISTRY OF EDUCATION, CULTURE, YOUTH AND SPORT

Result of Interview for the Engagement of Part-Time Cleaners in the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport

The Permanent Secretary, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the notice-board at the Customer Care Unit of the Directorate for Educational Services, Floriana and on the notice-board at the Education Office, Victoria, Gozo.

16th September, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu eżerċizzju tal-Infanterija fuq Pemroke Ranges nhar it-Tlieta, it-23 ta' Settembru 2008, u sparar minn fuq Pembroke Ranges se jkun bejn is-7.00 a.m. u l-5.00 p.m.

Il-Forzi Armati ta' Malta se tagħmel eżerċizzju ta' splussiv nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Settembru 2008 bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mix-Xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Se jitwaħħlu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* ikkonċernati.

Is-16 ta' Settembru, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be carrying out an Infantry Exercise at Pembroke Ranges on Tuesday, 23 September 2008, live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges from 7.00 a.m. till 5.00 p.m.

During the exercise, explosive training will take place on Friday, 26th September 2008 between 7.00 a.m. and 1.30 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke Coast during the above dates and times.

Red flags are flown from the limits of the ranges concerned.

16th September, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 171/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' oġġetti tal-iġjene personali għal individwi minn pajjiżi barranin - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 178/2008. Provvista ta' *disposable 5-10mm trocar set* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 179/2008. Provvista ta' *bullet proof (over) vests* - Dipartiment tal-Pulizija. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 180/2008. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €35.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 181/2008. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' ħażniet u tagħmir skaduti - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex titkejjel il-kwantità ta' glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 177/2008. Sistema ta' moniteraġġ u investigazzjoni tal-art għas-Swar tal-Imdina - Taqsima tar-Restawr. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €395,000.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Ottubru, 2008, għal:

CT 182/2008. Provvista u stallazzjoni ta' servizzi mekkaniċi u tal-elettriku fis-sala l-ġdida fil-Kulleġġ San Benedittu, Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th September, 2008, for:

CT 171/2008. Period contract for the supply of personal hygiene items to third country nationals - Armed Forces of Malta. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 178/2008. Supply of disposable 5-10mm trocar set - Department of Health.

CT 179/2008. Supply of bullet proof (over) vests - Police Department. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 180/2008. Road works at Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk - Works Division. A fee of €35.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 181/2008. Sale tale quale and removal of obsolete stores and equipment - Armed Forces of Malta. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th September, 2008, for:

CT 177/2008. Mdina bastions ground investigation work and monitoring system - Restoration Unit. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender will be part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013, European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €395,000.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd October, 2008, for:

CT 182/2008. Supply and installation of mechanical and electrical services at the new hall at St Benedict College, Kirkop - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 183/2008. Xogħlijiet ta' madum, irħam granit (Fażi 1) fl-iskola sekondarja l-ġdida, ir-Rabat, Għawdex - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 184/2008. Xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa ta' ġewwa u barra (Fażi 1) fl-iskola sekondarja l-ġdida, ir-Rabat, Għawdex - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Ottubru, 2008, għal:

CT 185/2008. Provvista ta' qliezet u dbielet tas-sajf - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT/A/8/2008. *Capacity Building* fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Malta - Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.nso.gov.mt/site/page.aspx?pageid=403

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta se tkun imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Transition Facility 2006* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Stmat: €176,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-Contract Notice ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2008.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Ottubru, 2008, għal:

CT 186/2008. Provvista ta' *toilet ware hampers* – Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 187/2008. Xogħlijiet ta' tkomplija fil-*backstage facilities* tat-Teatru Manoel f'81, Triq Zekka, Valletta – Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 188/2008. Xogħlijiet ta' tlestija fil-Kumpless Reġjonali tal-Isports limiti ta' Kirkop – Kunsill Malti għall-Isport. Irid jitħallas dritt ta' €235.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Ottubru, 2008, għal:

CT 190/2008. Bini ta' faċilità għall-ħasil ta' *crates* bħala estensjoni tal-*Grading Station* fil-Pitkali, Ta' Qali - Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 183/2008. Tiling, marble and granite works (Phase 1) at the new secondary school, Victoria, Gozo - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 184/2008. Internal and external plastering and painting works (Phase 1) at the new secondary school, Victoria, Gozo - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th October, 2008, for:

CT 185/2008. Supply of summer trousers and skirts - Malta Police Department. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

CT/A/8/2008. Capacity Building at National Statistics Office, Malta - National Statistics Office. Copy of tender document can be downloaded from the website http://www.nso.gov.mt/site/page.aspx?pageid=403

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender will be financed by the European Union, Transition Facility 2006 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €176,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 4th September 2008.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th October, 2008, for:

CT 186/2008. Supply of toilet ware hampers – Welfare Committee. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 187/2008. Finishing works at Manoel Theatre backstage facilities at 81, Triq Zekka, Valletta – Manoel Theatre. A fee of €230.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 188/2008. Finishing works at Regional Sports Complex limits of Kirkop – Malta Sports Council. A fee of €235.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st October, 2008, for:

CT 190/2008. Construction of crate washing facility as an extension to the Grading Station at Pitkali, Ta' Qali - Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Novembru, 2008, għal:

CT 189/2008. Provvista u tqegħid ta' *flooring systems* fil-Kumpless Reġjonali tal-Isports limiti ta' Ħal Kirkop - Kunsill Malti għall-Isport. Irid jitħallas dritt ta' €235.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2008.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

Tenderers huma avżati li jżuru il-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Is-16 ta' Settembru, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Is-16 ta' Settembru, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex titkejjel il-kwantità ta' glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġgħu jiġu estiżi sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Settembru, 2008.

Is-16 ta' Settembru, 2008

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th November, 2008, for:

CT 189/2008. Supply and laying of flooring systems at Regional Sports Complex limits of Kirkop - Malta Sports Council. A fee of €235.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th September 2008.

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

16th September, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

16th September, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th September, 2008.

16th September, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Dan huwa BISS *PRIOR INFORMATION NOTICE* għall-KUNTRATT TA' PROVVISTA

Huwa ppjanat li tiġi ppubblikata offerta madwar Novembru 2008 għall-provvista ta' *fixed wing maritime patrol aircraft* (MPA) – Forzi Armati ta' Malta.

Is-16 ta' Settembru, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

This is ONLY a PRIOR INFORMATION NOTICE for a SUPPLY CONTRACT

A tender is scheduled to be published around November 2008 for the Procurement of a fixed wing maritime patrol aircraft (MPA) – Armed Forces of Malta.

16th September, 2008

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2008.

Avviż Nru. 139. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond 'Shalom', Nri. 40/42, Triq Mario Cortis, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 4 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Avviż Nru. 140. Bejgħ *tale quale*, bid-difetti kollha li jista' jkun hemm, tal-Fond Nru. 14, Triq id-Dejqa, Bormla, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_5_2008. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €3,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Avviż Nru. 141. Kiri, minn sena għal sena, ta' kamra f' Pembroke, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2008_413. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja

Avviż Nru. 142. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fil-limiti taż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_557. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li għall-anqas f'dawn l-aħħar tliett (3) snin kien/et bidwi *full-time,* trid tiġi annessa ma kull offerta. F'kaz li l-ebda bidwi *full-time* ma' jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 25 ta' Settembru, 2008.

Avviż Nru. 143. Bejgħ ta' sit fuq wara tad-Dar Nru. 146, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.159_82_16. L-offerti għandhom ikunu

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 18th September, 2008.

Advt. No. 139. Sale of a site at the back of Premises 'Shalom' Nos. 40/42, Triq Mario Cortis, Attard, shown edged in red and marked No. 4 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 140. Sale, tale quale, including any latent defects, of Premises No. 14, Triq id-Dejqa, Cospicua, shown edged in red on plan P.D.JO_5_2008. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,000 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 141. Lease, on a year to year basis, of a room in Pembroke, shown edged in red on plan P.D.2008_413. Tenderers are to state purpose of lease.

